ID-DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU,
TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA U IMPJEGABILITA`
Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Medji 2022

IT-TMIEN SENA IR-RELIĠJON IL-ĦIN: Siegħa

L-Isem u l-Kunjom: _____ Il-Klassi: _____

Din il-karta tal-eżami fiha SEBA' taqsimiet.

Aqra sewwa l-istruzzjonijiet fit-titlu ta' kull eżerċizzju.

Wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA.

Għall-użu tal-għalliema

Taqsima A	Taqsima B	Taqsima C	Taqsima D	Taqsima E	Taqsima F	Taqsima G	Total
15	15	15	15	15	15	10	100

TAQSIMA A **(15-il marka)**

IN-NISRANI U S-SOĊJETÀ

Imla l-vojt bil-kelma t-tajba. L-ewwel ittra qed tingħata bħala għajnuna.
(4 marki)

1. Fil-ktieb tal-Ġenesi naqraw li Alla ħalaq lill-bniedem bħala l-quċċata tal-**ħ**_____.
2. In-**N**_____ hu fid-dmir li juri rispett lejn il-ħlejjaq u l-annimali.
3. Alla ta s-setgħa lill-**b**_____ biex iġib il-ħolqien 'il quddiem.
4. San **F**_____ kien juri l-imħabba kbira li kellu lejn Alla billi kien iħobb dak kollu li ħalaq Alla.

Wieġeb.

5. a) Semmi qaddis/a li studjajt din is-sena li ħadem/ħadmet favur l-ambjent.

   Qaddis/a: _____ (marka)

   b) Ikteb kif dan il-qaddis/a ħadem/ħadmet favur l-ambjent jew l-annimali.

   _____

   _____(2 marki)

   c) Spjega kif inti bħala Nisrani/ja tista' timxi fuq l-eżempju ta' dan il-qaddis.

   _____

   _____ (2 marki)

Wieġeb.

6. Ma xhiex qabbel lill-Knisja tiegħu Ġesù?
   (a) _____(marka)
   (b) _____(marka)
7. Semmi **żewġ affarijiet** kif mid-dar tista' tieħu ħsieb l-ambjent.
   (a)_____(marka)
   (b)_____(marka)

8. Semmi enċiklika li kiteb l-Papa Franġisku dwar l-ambjent.

_____

_____(2 marki)

TAQSIMA B **(15-il marka)**

IL-ĦAJJA FIL-KOMUNITÀ, IR-RELAZZJONIJIET U L-IRWOLI FIL-KOMUNITAJIET TA' FIDI.

Kompli l-kelma. L-ewwel ittra qed tingħata bħala għajnuna. (4 marki)

1. Alla juri lilu nnifsu preżenti fl-imħabba li nirċievu mill-**f**_____, ħbieb u relazzjonijiet oħra li jkollna.

2. Id-diversità li teżisti fis-soċjetà trid tgħinna nitgħallmu naċċettaw lil min hu **d**_____ minna.

3. Fit-Testment il-Qadim, Samwel kien jitkellem ma' Alla daqs li kieku qed jitkellem ma' **ħ**_____ kbir.

4. San Pawl fl-Ittra lir-Rumani jgħidilna li, "il-fidi tiġi mis-**s**_____".

Kompli s-sentenza. (6 marki)

5. L-esperjenza reliġjuża tgħin lill-bniedem _____

_____

6. Li tagħmel karità _____

_____

7. Permezz tat-talb _____

_____

Wieġeb.

8. X'tifhem bil-kelma *dixxiplu* fil-kuntest nisrani?

_____(marka)

9. Semmi **żewġ tipi** differenti ta' talb.

(a) _____(marka)

(b) _____(marka)

10. Semmi **żewġ karatteristiċi** tal-ewwel komunità Nisranija.

(a) _____ (marka)

(b) _____ (marka)

Taqsima C **(15-il marka)**

NIKBER FIL-VIRTÙ

Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba. (4 marki)

1. (Santa Tereża ta' Avila, Santa Katerina, Santa Margerita) tkellimna dwar il-passi differenti li jgħinuna naslu biex niskopru aħjar lilna nfusna.

2. (San Franġisk, San Tumas t'Akwinu, Santu Wistin) jkellimna dwar il-virtujiet kardinali li jgħinuna nibnu lilna nfusna bħala bnedmin.

3. Il-virtù (tal-għaqal, tal-ġustizzja, tal-qawwa) tagħmilna sensittivi għall-oħrajn u għall-ħtiġijiet tagħhom.

4. Il-virtù (tal-qawwa, tal-maħfra, tal-lealtà) tagħti l-kuraġġ lill-bniedem biex jaffaċċja l-ħajja.

Kompli l-kelma. L-ewwel ittra qed tingħata bħala għajnuna. (4 marki)

5. Il-fidi tagħna bħala Nsara tpoġġilna lil **Ġ**_____ bħala l-akbar eżempju għal ħajjitna.

6. Permezz tal-fidi, tama u mħabba nirrelataw ma' **A**_____.

7. Il-**v**_____ huma drawwiet ħżiena, li ma jħalluniex naraw l-imħabba kbira li Alla għandu għalina.

8. Il-**v**_____ hija drawwa tajba li ngħixu matul ħajjitna.

Wieġeb.

9. Semmi **żewġ virtujiet** li int għandek tgħix.

   (a) _____(marka)

   (b) _____(marka)

10. F'liema ġrajja Ġesù kien ittentat mix-xitan u Hu ħareġ rebbieħ?

    _____(marka)

11. Semmi **żewġ affarijiet** li jistgħu jfixklu r-relazzjoni tagħna ma' Alla.

    (a) _____(marka)

    (b) _____(marka)

12. X'għajnuniet jagħtina Ġesù biex niġġieldu t-tentazzjoni?

    (a) _____(marka)

    (b) _____(marka)

Taqsima D **(15-il marka)**

ASPETTI TA' SFIDA FL-ESPERJENZA UMANA

Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba. (2 marki)

1. (Il-Griżma tal-Isqof, Il-Quddiesa, Il-Griżma tal-Morda) hija r-ritwal liturġiku ċentrali tal-Knisja Kattolika.

2. Il-ġrajja ta' nżul l-Ispirtu s-Santu fuq l-Appostli nsibuha (fil-ktieb tal-Ġenesi, fl-Atti tal-Appostli, fil-Vanġelu ta' San Ġwann).

Imla l-vojt bil-kelma t-tajba. L-ewwel ittra qed tingħata. (4 marki)

3. Il-Magħmudija tagħtina l-ħajja tal-grazzja li tgħinna nikbru u niżviluppaw fil-**f**_____ tagħna.

4. Fost is-simboli li jintużaw fil-Magħmudija nsibu:
   (a) l-**i**_____ huwa simbolu tal-ħajja ġdida li qed tirċievi t-tarbija.
   (b) il-**b**_____ jirrappreżenta d-dawl tal-fidi li qed jingħata lit-tarbija.

5. Fl-ewwel żminijiet dawk li kienu jkunu ser jirċievu l-Magħmudija kienu jissejħu **k**_____.

Kompli s-sentenza. (6 marki)

6. Meta l-Ispirtu s-Santu niżel fuq l-Appostli _____

_____

7. Permezz tal-Magħmudija _____

_____

8. Permezz tal-Griżma tal-Isqof nirċievi_____

_____

Wieġeb.

9. Semmi:

(a) Ritwal fir-Reliġjon Nisranija:

_____(marka)

(b) Ritwal fir-Reliġjon Lhudija:

_____(marka)

(c) Ritwal fir-Relġjon Iżlamika:

_____(marka)

Taqsima E **(15-il marka)**

NIFHEM IL-LINGWA MORALI

Imla l-vojt bil-kelma t-tajba. L-ewwel ittra qed tingħata. (2 marki)

1. Kull deċiżjoni li nieħdu fiha l-**k**_____, tajbin jew ħżiena.
2. Matul ħajtu Ġesù wriena kif għandha tkun l-attitudni tagħna lejn l-oħrajn mhux biss bil-kliem imma wkoll bl-**e**_____.

Kompli s-sentenza. (4 marki)

3. Il-libertà mhix li tagħmel li trid imma _____

_____

4. Ġesù qalilna, " Ħobbu lil xulxin _____."

Wieġeb.

5. Mill-parabbola tal-Iben il-Ħali, semmi:

(a) deċiżjoni ħażina li għamel l-iben iż-żgħir:

_____ (marka)

(b) deċiżjoni tajba li ħa l-iben iż-żgħir:

_____(marka)

6. X'għandna bżonn biex niffurmaw kuxjenza Nisranija?

(a)_____(marka)

(b)_____(marka)

7. F'madwar **50 kelma**, għid x'inhi 'l-kuxjenza'.

_____

_____

_____

_____

_____(5 marki)

Taqsima F **(15-il marka)**

MUDELLI TA' GWIDA GĦAL ĦAJTI

Imla l-vojt bil-kelma t-tajba. L-ewwel ittra qed tingħata. (2 marki)

1. L-Ispirtu s-Santu niżel fuq l-Appostli fil-festa ta' **P**_____.
2. Il-fidi tagħna bħala Nsara tpoġġilna lil **Ġ**_____ bħala l-akbar eżempju ta' ħajjitna.

Kompli s-sentenza.

3. F'ħajjitna Ġesù jippreżentalna sfida biex _____

_____(2 marki)

Wieġeb.

4. Min huma l-qaddisin?

_____

_____(2 marki)

5. Semmi **tliet kwalitajiet** li permezz tagħhom Ġesù wriena l-qalb ta' Alla.

(a)_____(marka)

(b)_____(marka)

(c) _____(marka)

6. Santa Marija Goretti, Santa Rita u San Ġwanni Pawlu II għexu fil-prattika l-virtù tal-maħfra. Agħti eżempju kif int tista' tipprattika din il-virtù.

_____

_____ (2 marki)

7. (a) Semmi personaġġ li tgħallimt dwaru/dwarha din is-sena.

_____(marka)

(b) Agħti **tliet eżempji** biex turi kif dan il-personaġġ jista' jkun mudell għal ħajtek bħala żagħżugħ/ha llum.

(i) _____(marka)

(ii) _____(marka)

(iii) _____ (marka)

Taqsima G **(10 marki)**

Wieġeb fit-tul.

(a) F'madwar **ħamsin (50) kelma** ikteb fuq ir-riċerka li għamilt fil-lezzjonijiet tar-reliġjon matul din is-sena.

_____

_____

_____

_____

_____(5 marki)

(b) X'tgħallimt minn dak li ħdimt fuqu?

_____

_____

_____

_____

_____(5 marki)

TMIEM IL-KARTA